Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-006283/2018
lill-Kummissjoni
Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura
Francis Zammit Dimech (PPE)

Suġġett: Il-ġlieda kontra l-iskart tal-baħar: L-inizjattiva White Flag

Miljuni ta' oġġetti ta' skart tal-plastik jispiċċaw fil-baħar. M'hemm l-ebda dubju li għandha titqajjem kuxjenza kbira fis-soċjetà dwar it-theddid li qed jirrappreżenta l-iskart tal-plastik għall-ekosistemi. Il-Fondazzjoni Internazzjonali Whiteflag niedet inizjattiva bil-għan li tikseb "bajjiet mingħajr plastik". Il-Kummissjoni attendiet avvenimenti organizzati mill-fondazzjoni f'Malta.

Madankollu, tqajmu diversi preokkupazzjonijiet mill-midja dwar jekk tali tindif huwiex ġenwin u saru diversi allegazzjonijiet dwar il-kampanja, u xi wħud ddeskrivewha bħala skema qarrieqa.

1. Il-Kummissjoni tista' tikkonferma jekk saritx xi diliġenza dovuta fuq l-organizzazzjoni qabel il-parteċipazzjoni tagħha stess?

2. Tista' tiċċara jekk għadhiex tappoġġja l-inizjattiva White Flag?

3. Tista' tikkonferma jekk xi fondi tal-UE ġewx diretti għal tali tindif, kemm jekk direttament kf ukoll indirettament?

MT
E-006283/2018
Tweġiba mis-Sur Vella
f'isem il-Kummissjoni Ewropea
(28.2.2019)

1. It-talba sabiex nattendi għall-avvenimenti organizzati mill-White Flag, jew inizjattivi simili oħra ġiet vvalutata fuq il-bażi tal-kontribut potenzjali ta' dawn l-inizjattivi għall-indirizzar upstream tal-problema tal-iskart fil-baħar u għall-promozzjoni tat-turiżmu kostali sostenibbli billi jiġi enfasizzat b'mod attiv ir-rwol ta' bajjiet nodfa. Il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni f'avvenimenti bħal dawn għandha titqies fil-kuntest tal-promozzjoni tal-Istrateġija dwar il-Plastik[1] bħala pass importanti fil-ġlieda kontra l-iskart fil-baħar.

2. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol li jistgħu jaqdu l-inizjattivi ta' tikkettar privati billi jipparteċipaw attivament fid-diskussjonijiet globali dwar il-ġlieda kontra l-iskart fil-baħar, iżidu l-għarfien dwar il-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u jwasslu għal bidla lejn is-sostenibbiltà permezz ta' ċittadini aktar infurmati.

3. Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda evidenza li ġew allokati xi fondi mill-UE għall-inizjattivi tal-White Flag.

[1] http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-5_mt.htm